

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2018 – Cinkciarz.pl vs EUIPO (€\$)(Kawża T-665/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea €\$ — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament 2017/1001) — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”)

(2018/C 142/60)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Cinkciarz.pl sp. z o.o. (Zielona Góra, il-Polonja) (rappreżentanti: E. Skrzydło-Tefelska u K. Gajek, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 2086/2015-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala €\$ bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 2086/2015-5) hija annullata.*
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2018 – Paulini vs BĊE(Kawża T-764/16) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Remunerazzjoni — Proċedura ta’ reviżjoni annwali tas-salarji u tal-allowances — Legalità tal-linji gwida — Metodu ta’ kalkolu — Teħid inkunsiderazzjoni tal-leave tal-mard — Teħid inkunsiderazzjoni tal-attivitajiet ta’ rappreżentant tal-persunal — Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni”)

(2018/C 142/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Jörn Paulini (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment minn L. Levi u M. Vandenbussche, sussegwentement minn L. Levi u A. Tymen u finalment minn L. Levi, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: F. von Lindeiner u D. Camilleri Podestà, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE, ikkomunikata lir-rikorrent fil-15 ta' Diċembru 2015 u emendata fl-10 ta' Frar 2016, dwar ir-reviżjoni annwali tas-salarji u tal-allowances għall-2015, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament sostna insegwitu għal din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Jörn Paulini għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 14, 16.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2018 – dm-drogerie markt vs EUIPO – Digital Print Group O. Schimek (Foto Paradies)

(Kawża T-843/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Foto Paradies — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2018/C 142/62)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: dm-drogerie markt GmbH & Co. KG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Strack u O. Bludovsky, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Fischer, R. Manea u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Digital Print Group O. Schimek GmbH (Nuremberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Petri u M. Gilch, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPI tal-15 ta' Settembru 2016 (R 1194/2015-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Digital Print Group O. Schimek u dm-drogerie markt.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) dm-drogerie markt GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 6.2.2017.